# BEATI U QADDISIN...MEJJU

3 ta' Mejju

San Filippu u San Gakbu.




San Filippu kien ragel mizzewweg minn Betsajda u qabel ma kien imsejjah minn Gesu' biex jimxi warajh u jkun apoatlu tieghu, jinghad li kien dicciplu ta' San Gwan il-Battista. Kien dan Filippu li meta Gesu' qallu biex jimxi warajh, mar sab lil Natanjiel u qallu: "Sibna lil dak li kitbu fuq Mose' u l-profeti." Danl-appostlu, meta xi griegi marru ghandu u talbuh biex jaraw lil Imghallem taghhom, mar jghid lil Indri u flimien marru jghidu lil Gesu. Dan l-appostlu xtaq lil Gesu' jurihom lil Missier u dan kien ikun bizzejjed. Kiem ma' l-appostli l-ohra meta nizel fuqhom l-Ispirtu Santu. Filippu mar jippredika l-vangelu fil-Frigja fl-Asja Minuri u sofra l-martirju mis-suldati ta' Domizjanu.



San Gakbu kien hu San Guda Taddew u kien maghruf bhala l-izghar. X'aktarx kien kugin ta' Gesu' minn naha tal-Madonna. Sar l-ewwel isqof ta' Gerusalemm, ha parti fl-ewwel koncilju ta' Gerusalemm fejn qabel ma' San Pawl meta qal li l-gentili ma kellhomx bzonn tac-cirkoncizzjoni malli jsiru nsara. Kiteb ittra li fih

wera kemm hu mehtieg li l-fidi taghna tkun imsiehba mill-opri.  Din kitibha madwar is-sena 49. Kien prezenti meta l-Ispirtu Santu nizel fuq l-appostli u sofra l-martirju f'Gerusalemm fis-sena 62 bit-thaggir.